# 70. Il-Bidebbus

**(Fjurett ta' San Franġisk)**

Il-bidebbus kiber ġo nofs l-egħlieqi
qalb ix-xtieli tal-ful kotran u qawwi,
u fuq kull xitla tella' rasu bajda
qisha bukkett.

B'għeruqu felħanin saff il-ġwież kollu
ta' ġol-ħamrija u xorob demm ix-xtieli
tal-ful li tkerċħu u swiedu u saru donnhom
xtieli tal-faħam.

L-annata dehret kerha u n-nies tar-raħal
beżgħu li fula waħda ma jkunx hemm,
u biex jitfarrġu qabdu t-triq u marru
għand San Franġisk.

Sabuh fil-bieb tal-għar ma' Fra Ġinepru
qiegħed jitma' 'l-għasafar u jkellimhom,
u malli rahom feraħ ħafna bihom
u bit-tfal tagħhom.

Raddilhom is-salib u qalu miegħu:
"Ikun imbierek Alla u l-isem tiegħu";
u mbagħad poġġew ilkoll, min fuq il-ġebel,
min fuq il-qiegħa,

U bdew il-ġrajja tagħhom "kif ix-xitla
ħajna tal-bidebbus il-wiċċ sa teqred,
u kif l-id t'Alla biss trid tkun għalihom
sabiex teħlishom."

"La tibżgħu xejn, għax il-Mulej jeħliskom",
qal San Franġisk, "ejjew ilkoll warajja
ħa nkellem ftit lill-bidebbus u ngħidlu
jieqaf mill-ħsara,"

U marru lkoll ma' San Franġisk itennu
warajh it-talb tal-Miserere Mei,
fit-tama qawwijin li bit-talb tiegħu
jeħilsu l-hemm.

Waslu qajl qajl ġol-qasam u quddiemhom
feġġet il-bjuda tax-xuxiet kotrana
tal-bidebbus imżewqa bl-iswed faħmi
tal-ful maħruq,

U f'qalbhom dak il-ħin ħassew bħal għafsa,
iżda bis-sabar qagħdu lkoll imdawra,
fil-waqt li San Franġisk hekk mar ikellem
lill-bidebbus:

"Ja ħija bidebbus, inti qed toqtol
il-ħlejjaq t'Alla, dan il-ful tal-qasam
li Huwa għoġbu jagħti b'tieba kbira
lil dawn in-nies;

"Ta' dan id-dnub hekk kbir int ħaqqek saħta!
iżda jien ġejt biex nagħmel sliem u għaqda
bejnek u bejn daw' n-nies, u fl-isem t'Alla
lilek inamar:

"Oħroġ minn dan il-qasam u mur trabba
fuq il-ħitan u ġewwa r-rdum u x-xagħri,
u żewwed fuq il-blat b'ħafna bukketti
bojod u roża,

"U bi sbuħitek agħti tifħir ħlejju
'l Alla ħanin li bejn il-ħlejjaq tiegħu
irid li jkun hemm sliem u ġid u mħabba
dejjem ta' dejjem."

Ħaġa tal-għeġubijiet! hekk kif intqalu
dawn il-kelmiet minn San Franġisk, ġol-qasam
deher tferfix kbir, titjir u ġiri,
u geġwiġija

Bajda ta' bidebbus bħal qtajja' qtajja'
t'għasafar imnaffrin minn ġewwa ġnejna
taru għal fuq il-blat, u fuq il-moxa
marru jistrieħu,

U ġewwa l-ħamri l-ful beda jistejqer,
u warrad b'ħafna ward bit-tikek suwed,
u żegħed bl-imżiewed tqal li ħadd ma felaħ
jiġbor u jħammel.

In-nies tar-raħal daru lkoll imsaħħra
ma' San Franġisk, u bdew ibisu l-ħabel
li kien jehimżu, u raddew ħajr lil Alla
talli bagħathulhom;

U mbagħad telqu għall-misraħ imhennija,
ixandru ma' kulħadd il-grazzja kbira;
iżda kif waslu San Franġisk sejħilhom
                u għamel priedka:

Qallhom li dak li ġara hu kollu xbieha
tal-ħajja tal-insara; n-nies il-ħżiena
jagħmluha mat-tajbin u joqtlu l-qalba
                tat-tieba tagħhom;

Qalilhom biex fuq kollox mid-dnub jibżgħu
aktar mill-bidebbus, għax id-dnub jeqred
ikel ir-ruħ u ġo l-infern għal dejjem
                ilkoll jeħodhom.

"Indmu mid-dnub u erġgħu mill-ġdid lejn Alla",
temm San Franġisk, u b'dan il-kliem telaqhom,
u ġera lejn il-għar ma' Fra Ġinepru
                għax kien qed jidlam.

In-nies tar-raħal baqgħu ta' kull sena
jibżgħu mill-bidebbus, u ta' kull sena
jiftakru f'San Franġisk u jfaħħru 'l Alla
                tal-grazzja kbira.

Ad laudem Christi. Amen.